**Stqarrija Ministerjali mill-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, dwar il-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Ottubru 2020**

Nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa, 15 u 16 ta' Ottubru, reġa' ltaqa' l-Kunsill Ewropew, it-tieni sessjoni matul dan ix-xahar.

F'din il-laqgħa kien hemm erba' temi prinċipali fuq l-aġenda tal-Kunsill.

1. Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit;
2. It-tibdil fil-klima;
3. Il-pandemija Covid-19; u
4. Kwistjonijiet relatati mal-politika għall-affarijiet barranin tal-Unjoni Ewropea biż-żewġ oqsma prinċipali jkunu:
    i. Ir-relazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika; u
    ii. Aġġornament dwar żviluppi marbuta mal-Belarus, is-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Mediterran, il-każ tal-MH17 u l-viċinat tan-naħa t'isfel tal-Unjoni Ewropea.

Nibda mill-aħħar punt, il-viċinat tan-naħa t'isfel tal-Unjoni Ewropea. Dwar dan il-Kunsill hu previst li jerġa' jiddiskuti din il-materja fil-Kunsill ta' Diċembru li ġej u allura d-diskussjoni kienet waħda qasira ħafna f'dan l-istadju. Madanakollu, bħala mexxejja qbilna li għandu jkun hemm kordinament f'dak li nagħmlu f'fora u istituzzjonijiet differenti, speċjalment li dak li nagħmlu bħala Unjoni Ewropea jkun jikkumplimenta dak li tagħmel l-Unjoni tal-Mediterran. Il-Kunsill se jkun qed jiddiskuti wkoll kif strateġikament l-Unjoni Ewropea tħares lejn il-viċinat fin-naħa t'isfel tal-Ewropa anke fid-dawl tal-fatt li l-proċess Barċellona se jimmarka l-25 anniversarju.

Rigward it-tiġrif tal-ajruplan MH17 bħala Kunsill iddiskutejna dwar il-bżonn li l-Federazzjoni Russa tkompli tiddiskuti u tikkopera fl-investigazzjonijiet dwar dan l-avveniment traġiku. Fakkarna wkoll li wara sitt snin għad hemm qraba ta' aktar minn 298 vittma li għadhom qed jistennew ġustizzja u li hemm bżonn li toħroġ il-verità kollha dwar dan il-każ.

Dwar il-Belarus, il-Kunsill għal darb'oħra esprima t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni, speċjalment dwar ir-ritaljazzjoni mill-awtoritajiet tal-Belarus mal-Polonja u l-Litwanja. Ovvjament jibqa' t-tħassib ukoll dwar il-vjolenza ma' dawk li qed jipprotestaw b'mod paċifiku.

Dwar dawn it-tliet materji, il-Gvern appoġġja l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u qabel mat-test propost. Għamilt ukoll enfasi fuq il-fatt li Malta tattribwixxi importanza lill-viċinat tan-naħa t'isfel tal-Unjoni Ewropea, viċinat li miegħu hemm lok ta' ħafna koperazzjoni u opportunitajiet kbar. Għalhekk bħala Gvern nilqgħu l-impenn tal-President Ewropew li jiddiskuti dan is-suġġett tant importanti f'aktar dettall fil-laqgħa li jmiss.

Kellna wkoll diskussjoni qasira dwar dak li qed iseħħ fil-Lvant tal-Mediterran, speċifikament dwar l-żviluppi f'Varosha u biex insegwu l-aħħar diskussjoni li kellna ġimagħtejn ilu. Hawn għal darb'oħra tennejna l-importanza li jkun hemm rispett sħiħ lejn il-liġi internazzjonali u s-solidarjetà mal-Greċja u Ċipru u l-popli tagħhom. Ġie enfasizzat ukoll l-impenn tagħna bħala mexxejja li nibqgħu nsegwu l-iżviluppi li jkunu qed iseħħu biex fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru, jerġa' jkun hemm diskussjoni aktar dettaljata.

Iżda l-aktar punt importanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-affarijiet barranin li ġie diskuss f'din il-laqgħa kien il-punt dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Afrika. Dan hu suġġett li l-Kummissjoni Ewropea ġdida mmexxija mill-President Von der Leyen attribwiet importanza kbira għalih, bi żjara tal-kulleġġ tal-Kummissarji f'Addis Ababa aktar kmieni din is-sena. Din id-diskussjoni saret ukoll fid-dawl tal-laqgħa bejn il-mexxejja tal-UE u dawk tal-Unjoni Afrikana skedata li ssir is-sena li ġejja.

Dwar dan il-punt kien hemm diskussjoni dwar l-importanza li nħarsu lejn l-Afrika bħala kontinent sieħeb naturali tal-Unjoni - fid-dawl tal-prossimità ġeografika - li miegħu rridu niddiskutu oqsma varji, minn kummerċ sa tibdil fil-klima, saltna tad-dritt, żvilupp ekonomiku, agrikoltura, edukazzjoni, paċi u migrazzjoni. Il-Kunsill elabora wkoll dwar l-importanza mal-kontinent Afrikan dwar il-Covid.

L-eżitu ta' din id-diskussjoni: wieħed jista' jħares lejn dawk il-konklużjonijiet tal-Kunsill li jiġbru fil-qosor dak li ddiskutew il-mexxejja. Imma nixtieq nislet tliet punti li qajjimt f'din id-diskussjoni u li jirrappreżentaw dak li jemmen il-Gvern fuq ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Afrika.

L-ewwel nett, dan il-Gvern jaqbel perfettament mal-idea li jrid ikun hemm relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u f'firxa wiesgħa ta' setturi oħra, inkluż l-immigrazzjoni. Imma biex il-pajjiżi Afrikani jikkoperaw magħna fuq dan is-suġġett irid ikun hemm impenn ċar li aħna rridu naħdmu magħhom fuq l-oqsma kollha u mhux fejn nixtiequ aħna biss. Għalhekk il-messaġġ tiegħi lill-mexxejja kien li mal-Afrika jeħtieġ li jkollna relazzjoni bejn żewġ sieħba ugwali, mhux li aħna bħala UE nipprovaw niddettaw x'għandu jiġri.

Spjegajt lill-mexxejja li l-pajjiżi fil-kontinent Afrikan ukoll għandhom kwistjonijiet interni dwar il-migrazzjoni – b'numru ta' nies jiċċaqilqu bejn fruntieri mhux kontrollati fl-Afrika stess. Għalhekk l-uniku soljev għall-problema tagħna hu li nibdew nindirizzaw il-problema mill-għeruq tagħha biex il-fruntieri fl-Afrika stess ikunu sorveljati u kkontrollati aħjar ħalli inqas nies jiġu ttraffikati. B'hekk jonqsu l-influssi ta' nies li jimxu min-nofs tal-Afrika 'l fuq bl-intenzjoni li jaslu fil-fruntiera u jaqsmu illegalment lejn l-Ewropa.

Barra minn hekk. għamilt il-punt li fl-Afrika din il-kwistjoni qed issir sensittiva wkoll u li jekk immorru bl-attitudni li rridu nitkellmu fuq migrazzjoni biss, il-Gvernijiet Afrikani ma jeħduniex bis-serjetà.

It-tieni punt kien jirrelata speċifikament mal-oqsma tar-ritorn ta' immigranti lejn il-pajjiżi ta' oriġini u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari. Hawn il-messaġġ tiegħi kien li din trid tkun materja li tiġi diskussa fuq livell ta' Unjoni. Dan għaliex kien hemm pajjiżi li għandhom l-idea li din hi materja li tista' tiġi indirizzata aħjar bilateralment. Fil-fehma tiegħi dan ikun żball gravi għaliex ġaladarba se nkunu qed niddiskutu relazzjoni komprensiva mal-kontinent, irridu nassiguraw li nużaw is-setgħa li din tagħtina biex niksbu l-koperazzjoni ta' pajjiżi Afrikani fis-settur tal-migrazzjoni. L-alternattiva tkun li pajjiżi żgħar bħal Malta, fil-fruntiera, u li bilateralment għandhom ftit li xejn x'joffru, jibqgħu jbatu l-konsegwenzi; konsegwenzi li tkellmet dwarhom il-ġimgħa l-oħra stess il-Kummissarju Johansson meta qalet li Malta għandha influssi kbar ta' immigranti li ma jikkwalifikawx għall-ażil u jridu jiġu rritornati. Id-diffikultà ewlenija biex dan iseħħ hi l-koperazzjoni minn awtoritajiet tal-pajjiżi Afrikani fis-sors.

L-aħħar punt, li forsi mhux daqstant kruċjali imma qajjem diskussjoni kbira fil-Kunsill – domna kważi sagħtejn niddiskutu dan il-punt - hu dak dwar l-ugwaljanza. Hawn kien hemm pajjiżi li bdew jissuġġerixxu li mal-kelma 'ugwaljanza' jiżdiedu l-kliem 'bejn l-irġiel u n-nisa'. Dan kien punt ta' prinċipju għalina. Malta hi stat membru kommess lejn il-valur tal-ugwaljanza u li dwar dan m'għandux ikun hemm distinzjoni bejn ġeneri. L-impenn tagħna fuq livell lokali ġie wkoll ripetut fuq livell Ewropew, fejn anke għamilt referenza għall-ħidma tal-Kummissarju Dalli f'dan is-settur ma' sħabi l-mexxejja.

Rigward il-COVID-19, id-diskussjoni ffukat fuq is-sitwazzjoni fl-istati membri tal-UE fejn ħafna mexxejja tkellmu dwar il-bżonn ta' kordinament u bilanċ bejn miżuri li jiggarantixxu s-saħħa taċ-ċittadini, kif ukoll dawk li jassiguraw li l-ekonomiji ma jistaġnawx. Ħafna mexxejja nnutaw ukoll li s-sitwazzjoni fl-ibliet rispettivi kienet qed tiddeterjora, anke fid-dawl tal-influwenza staġjonali.

Niġi għalhekk għaż-żewġ temi li jifdal u li kienu diskussi bejn il-mexxejja fl-ewwel jum tal-Kunsill: ir-relazzjonijiet mar-Renju Unit u t-tibdil fil-klima.

Dwar it-tibdil fil-klima, din kienet biss diskussjoni biex torjenta laqgħa tal-Kunsill aktar dettaljata li se ssir dwar is-suġġett f'Diċembru li ġej.

Nifhmu u naqblu mal-intenzjoni li l-UE tkun aktar ambizzjuża f'dak li għandu x'jaqsam mal-miri tagħha ta' tnaqqis fl-emissjonijiet. Għalhekk bħala Kapijiet ta' Gvernijiet qbilna mal-idea li l-UE tirrevedi l-mira internazzjonali tagħha man-nazzjonijiet, li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha tal-gassijiet serra (*greenhouse gas emissions*) minn 40% għal 55% sal-2030. Din l-aċċellerazzjoni ta' sforzi se tgħin ukoll biex l-isforz meħtieġ bejn l-2030 u l-2050 biex insiru kontinent ħieles mill-karbonju jkun inqas.

Nifhmu wkoll li hemm min qed isejjaħ għal miri aktar ambizzjużi, iżda jidher li l-analiżi tal-impatt tal-Kummissjoni turi li dan mhux fattibbli.

Irrid insemmi wkoll li dwar dan is-suġġett għamilt punt simili għal dak ta' diversi mexxejja oħra – dak li rridu aktar informazzjoni dwar kif il-Kummissjoni qed tipproponi li għandhom jintlaħqu dawn il-miri u kif se jintlaqtu l-miri tal-istati membri. Dan peress li l-aġġustament tal-mira Ewropea awtomatikament se jfisser aġġustament ta' miri nazzjonali għall-istati membri. F'dan ir-rigward spjegajt kif huwa importanti li l-miri ma jiġux assenjati biss skont indikaturi bħall-Prodott Domestiku Gross, imma li huwa importanti li wieħed iħares lejn il-potenzjal li l-istat membru kkonċernat inaqqas l-emissjonijiet.

Pereżempju, fil-każ ta' Malta bil-qalba li għamilna mill-*heavy fuel oil* għall-gass, l-emissjonijiet naqsu drastikament u llum, ras għal ras, Malta hi l-aktar pajjiż b'rata baxxa ta' emissjonijiet fl-Ewropa.

Dwar dan, fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se tagħmel konsultazzjonijiet tekniċi biex imbagħad f'Diċembru, il-mexxejja jkollhom diskussjoni dettaljata b'analiżi tal-impatt ta' miżuri proposti biex iwassluna għall-mira ta' 55% sal-2030 u miri nazzjonali aġġustati għall-istati membri kollha.

Fl-aħħar nett, dwar ir-Renju Unit il-mexxejja kellhom diskussjoni ristretta fejn ingħataw spjega tas-sitwazzjoni s'issa fin-negozjati bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea.

Teknikament ir-Renju Unit telaq mill-UE fil-31 ta' Jannar tal-2020.

It-tluq kien wieħed regolat bi ftehim li kopra l-moviment tan-nies sal-aħħar ta' perjodu tranżitorju, prezz li r-Renju Unit kellu jħallas biex ipaċi obbligi finanzjarji, x'jiġri dwar kwistjonijiet oħra marbuta mas-separazzjoni, u arranġament tranżitorju.

L-arranġament tranżitorju – perjodu li fih tista' tgħid baqa' kollox kif inhu f'dak li għandu x'jaqsam ma' regolamenti u r-Renju Unit baqa' jitqies daqslikieku għadu stat membru - jiskadi fl-aħħar ta' din is-sena.

Ir-Renju Unit iddikjara li ma xtaqx iġedded jew itawwal il-perjodu tranżitorju, għalkemm seta' jagħmel dan. Issa l-perjodu tranżitorju ma jistax jiġġedded.

Matul il-perjodu Frar 2020 s'issa, bdew negozjati dwar ftehim li jirregola r-relazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit mill-1 ta' Jannar 'il quddiem.

Dawn in-negozjati koprew diversi aspetti, mill-kummerċ, sal-koperazzjoni fis-sigurtà. Il-preferenza tal-UE hi li jkun hemm ftehim komprensiv li kemm jista' jkun ikopri l-oqsma kollha.

F'kull *round* ta' negozjati (s'issa kien hemm disa' *rounds*), ikun hemm negozjati dwar ħdax-il qasam għaddejjin b'mod paralell.

S'issa, in-negozjati fuq abbozz ta' ftehim għadhom ma bdewx. Dan partikolarment għaliex m'hemmx biżżejjed konverġenza fl-oqsma kollha biex jibda x-xogħol ta' abbozzar.

Madanakollu, hu mifhum li ġaladarba jkun hemm ftehim fil-prinċipju, ix-xogħol ta' abbozzar mhux mistenni jieħu wisq ħin.

Kif nafu lkoll, hemm tliet oqsma li qed iżommu l-progress:

i. L-ewwl punt huwa l-*level playing field*. Din torbot direttament mal-kummerċ u l-għan hu li l-UE tassigura li mil-lat ta' regolamentazzjoni, it-territorju tar-Renju Unit u l-UE jkunu qegħdin f'livelli komparabbli. Dan għax jekk se jkun hemm aċċess għas-swieq ta' xulxin b'żero tariffi u żero kwota, irid jiġi assigurat li jkun hemm kompetizzjoni ġusta.

ii. It-tieni punt li għad m'hemmx qbil fuqu huwa l-Governanza. Din hi partikolarment dwar kif jiġu infurzati d-drittijiet, ir-regolamenti fil-ftehim li jassiguraw *level playing field*, u obbligi li joħorġu mill-ftehim, u x'jiġri f'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil fuq xi materja regolata mill-ftehim.

iii. It-tielet punt huwa l-kwistjoni tas-sajd. L-UE trid tiżgura aċċess għas-sajjieda Ewropej għall-ibħra komuni bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri.

Ta' min ifakkar ukoll li parti mill-ftehim bejn il-mexxejja hi li għalissa ma jkunx hemm negozjati bilaterali mar-Renju Unit fuq ftehimiet li huma s-suġġett ta' negozjati mill-UE. Barra minn hekk, peress illi jeżisti diġà mandat lill-Kummissjoni, huwa probabbilment ukoll illegali li pajjiż membru jinnegozja u jikkonkludi ftehim bilaterali mar-Renju Unit.

Għaldaqstant jien nara tliet xenarji li huma possibbli:

a. L-ewwel xenarju huwa li jiġi konkluż ftehim bejn ir-Renju Unit u l-UE li jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021, jiġifieri mill-bidu tas-sena d-dieħla.

b. It-tieni xenarju huwa li ma jkunx hemm ftehim bejn ir-Renju Unit u l-UE li jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar li ġej, iżda jkun hemm progress sinifikanti fin-negozjati;

c. It-tielet xenarju huwa li ma jkunx hemm ftehim bejn ir-Renju Unit u l-UE li jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar li ġej, iżda ma jkun hemm ebda progress sinifikanti fin-negozjati.

Dawk huma t-tliet xenarji li għandna quddiemna.

F'kull xenarju se jkun hemm xogħol preparatorju li jrid isir mill-Gvern u entitajiet privati. Hemm xogħol f'entitatijiet bħad-Dwana, kontroll tal-fruntieri, li jrid isir dejjem, marbut ma' dikjarazzjonijiet, spezzjonijiet,eċċ.

Bħalissa, diffiċli li wieħed ibassar liema xenarju se jimmaterjalizza.

Hemm materjal informattiv ippubblikat b'dettalji ta' dan ix-xogħol preparatorju. Dan tqassam lill-entitajiet tal-Gvern, kif ukoll *stakeholders* privati.

Ħafna entitajiet tal-Gvern diġà għamlu xogħol preparatorju tajjeb ħafna u fil-ġranet li ġejjin se jkun intensifikat l-isforz ta' komunikazzjoni, inkluż mal-kumitat parlamentari relevanti.

Biex nikkonkludi dwar dan il-punt u l-istqarrija ministerjali, anke fid-dawl tal-aħħar żviluppi f'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet mar-Renju Unit, intenni l-messaġġ li għaddejt lill-mexxejja fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Ir-Renju Unit hu sieħeb importanti strateġiku tal-Unjoni. Jekk hux f'Diċembru jew wara, jeħtieġ ikollna relazzjonijiet b'saħħithom u Malta se tkompli ttenni dan il-messaġġ. Għaldaqstant l-inqas ħaġa li għandna bżonn hu konfront bejn iż-żewġ naħat li ma jsolvi xejn mill-kwistjonijiet tekniċi bħal dawk marbuta mal-*level playing field* li xorta rridu nirriżolvu biex ikollna relazzjoni kummerċjali adegwata.

Sur President, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-Konklużjonijiet kif addottati mill-Kunsill.